MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 271/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Philippa sive Filippa Chircop**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Philippa sive Filippa Chircop talli:

(1) f'dawn il-Gzejjer fit-30 ta' Awwissu, 2000, kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li

timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, f'cirkostanzi tali li juru li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha;

(2) fl-istess zmien u cirkostanzi forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga;

(3) saret recidiva skond l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilha mill-Qorti tal-Appell datata 12/05/1974.

Il-Qorti giet mitluba li barra li tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imsemmija Philippa sive Filippa Chircop thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Settembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni stante li din giet irtirata mill-prosekuzzjoni izda sabet lill-imsemmija Phillippa sive Filippa Chircop hatja ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u kkundannatha ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt liri Maltin (Lm500), liema multa tista' tithallas f'rati mensili ta'

hamsin liri Maltin (Lm50) bl-ewwel pagament isir erba' gimghat mid-data tas-sentenza appellata u fin-nuqqas ta' hlas ta' xi pagament il-bilanc ikun dovut lura f'daqqa u kull parti tal-multa li tibqa' mhux imhallsa tinbidel f'jum prigunerija ghal kull hames liri Maltin (Lm5) mhux imhallsin. Dik il-Qorti ma kkundannatx lill-imsemmija Philippa sive Filippa Chircop ghall-hlas ta' l-ispejjez ta' l-esperti peress illi dawn kienu mahtura matul l-inkjesta izda ordnat id-distruzzjoni tal-esebiti kollha taht il-harsien tar-Registratur tal-Qrati;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Philippa sive Filippa Chircop pprezentat fl-4 ta' Ottubru 2005 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tilqa' dan l-appell limitatament ghall-piena nflitta u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassarha u tirrevoka fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda l-piena nflitta u l-ilmenti taghha huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti skartat ghal kollox ix-xiehda tat-tabib psikjatra Dr. Joseph Spiteri li hija ghandha intelligenza baxxa hafna; (2) l-ewwel Qorti ma applikatx l-artikolu 29 tal-Kap. 101 sabiex tirriduci l-piena fid-dawl tal-kollaborazzjoni taghha mal-Pulizija; (3) id-droga analizzata mill-Ispizjar Mario Mifsud kienet fl-ammont ta' 3.5 grammi izda l-ewwel Qorti rreferiet ghall-ammont ta' 5 grammi li semmiet l-appellanti fl-istqarrija taghha; (4) dan kien incident izolat u singolu (5) l-agir taghha ma kienx motivat minn xi gwadann finanzjarju izda ghax giet tratta f'ingann minn zewg persuni li kellhom *withdrawal symptoms* u hasbet li qed taghmlilhom pjacir; (6) ghalkemm l-appellanti kkooperat mal-Pulizija u tressqet b'urgenza u taht arrest, sa aktar minn sena wara, almenu tnejn mill-persuni l-ohra kienu ghadhom ma tressqux u dan "tefaghha f'limbu ghal dak li jikkoncerna d-difiza taghha" b'hekk li lanqas setghet

tripprevalixxi ruhha mix-xiehda ta’ Claire u Raymond Borg, apparti li l-ewwel Qorti stranament ordnat id-distruzzjoni ta’ l-esebiti.

Dwar il-piena, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Issa hawn ghandna kaz fejn l-appellanti, fl-istqarrija taghha lill-Pulizija maghmula fil-31 ta’ Awissu 2000, ammettiet l-involviment taghha fix-xiri ta’ l-eroina ghal Claire u Raymond Borg. Ghalkemm meta tressqet il-Qorti fl-1 ta’ Settembru 2000 iddikjarat ruhha mhux hatja, u fl-ebda stadju tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti ma rregistrat ammissjoni, l-istqarrija taghha ma gietx kontradetta u sahansitra fir-rikors ta’ appell fl-esposizzjoni tal-fatti fil-qosor hija terga’ tammetti li kienet akkwistat l-imsemmija droga ghall-imsemmija zewg persuni.

Dwar l-ewwel ilment l-appellanti tghid illi l-ewwel Qorti rrimpjazzat il-gudizzju tal-psikjatra bil-gudizzju taghha meta hi ma kinitx lanqas semghet lill-appellanti tixhed. Hija tghid illi giet traxxinata f’din id-dizavventura minn persuni li sabuha dghajfa u uzawha sabiex tipprokuralhom id-droga u b’hekk jimminimizzaw ir-riskju li jinqabdu mill-Pulizija, persuni li hija thassrithom minhabba l-*withdrawal symptoms*. Hija ssostni li persuna b’aktar dixxerniment u bwon sens ma kinitx thalli lilha nnifisha tigi traxxinata kif giet traxxinata hi.

Il-konsulent psikjatra Dr. Joseph Spiteri effettivament xehed[2] illi l-appellanti kienet ilha taht il-kura tieghu ghal ftit xhur izda fl-antik kienet taht il-kura ta’ psikjatra iehor. Huwa qal li hija ghandha “low I.Q.” li ghandha problema

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.
[2] Seduta ta’ l-10 ta’ Gunju 2002 a fol. 90 – 91.

ta' l-alkohol u li "l-personalita` taghha tirrifletti dawn il-kundizzjonijiet li ghandha".

Dan il-punt tqajjem quddiem l-ewwel Qorti li qalet hekk fis-sentenza taghha:

**"Id-difiza sostniet li l-imputata hija bniedma ta' low I.Q. izda mill-fatti kif jirrizultaw jidher li l-imputata kellha sehem attiv f'dak li gara. Hija sellfet il-flus, saqet il-karrozza ghall-post miftiehem, u marret hi stess tinnegozja hames grammi droga. Dan juri konoxxenza shiha ta' x'qed jigri. Oltre dan il-fedina penali ta' l-imputata mhix xi wahda nadifa. Fl-ahharnett il-Qorti tfakkar ukoll li d-difizi li jista' jqajjem l-imputat huma dawk biss li jinstabu elenkati fil-Kodici Kriminali."**

Frankament din il-Qorti tqis l-ewwel ilment fieragh ghal kollox. L-istqarrija ta' l-appellanti stess tixhed konoxxenza shiha ta' dak li kienet qed taghmel, ta' dak li kienet qed tixtri, sahansitra tal-*jargon* li jintuza fil-kamp ta' l-abbuz tad-droga. Barra minn hekk din il-Qorti bl-ebda mod ma hija lesta tikkondona l-ksur tal-ligi bhala mitiganti ta' piena ghax ir-*reo* thassar jew ried jaghmel pjacir lil xi hadd iehor li wkoll kiser jew kien sejjer jikser il-ligi. Galhekk dan l-ilment huwa respint.

Dwar it-tieni lment l-appellanti tinsisti li l-ghajnuna li hija tat lill-Pulizija kienet tikkostitwixxi dak previst mill-artikolu 29 tal-Kap. 101. Fl-istqarrija taghha indikat bl-aktar mod car il-persuna li ssupplixxietha bid-droga u sahansitra meta kienet arrestata ntweriet ritratt ta' l-istess persuna u ffirmat fuqu. Hija tghid illi l-kelma "taqbad" fl-artikolu 29 tal-Kap. 101 ("to apprehend" fit-test Ingliz) jidher illi jistghu jigu tradotti f'terminu komuni, u cioe` "tarresta"; sabiex tarresta persuna, il-Pulizija jrid ikollha suspett ragjonevoli illi persuna tkun ikkommettiet certu tip ta' reati – konsegwentement id-dikjarazzjonijiet ta' l-appellanti fl-istadju ta' l-arrest kienu jissodisfaw il-vot tal-ligi rikjest fl-artikolu 29 tal-Kap. 101. Skond l-appellanti, jekk ufficjal investigattiv ma jipprocedix ghall-arrest u investigazzjoni tal-persuna indikata, dan m'ghandux ikun ta' pregudizzju

ghall-persuna li tkun tat l-informazzjoni. L-appellanti tirreferi ghal dak li hija tiddeskrivi bhala skorrettezzi f’xi dikjarazzjonijiet li ghamel is-Supretendent Nicholas Ciappara u ssostni li bl-informazzjoni li hija tat, il-Pulizija setghet tmexxi l-investigazzjoni. Ir-riluttanza taghha illi tikkonferma l-istqarrija taghha bil-gurament kien biss frott ta biza’ enormi mir-riperkussjonijiet.

Dan il-punt gie wkoll trattat mill-ewwel Qorti kif ser jinghad:

**“Mix-xiehda tas-Supretendent, meta mtella’ mid-difiza, jirrizulta wkoll li fl-istqarrija kienet issemmiet persuna izda meta mbaghad l-imputata marret quddiem il-Magistrat Inkwirenti, lis-Supretendent bdiet tghidlu li kien hemm persuna ohra involuta. Ghaldaqstant, wara din il-kontradizzjoni, din il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-imputata tat xi ghajnuna lill-Pulizija u ghalhekk ma tistax tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101. Skond dan l-artikolu, biex imputat jibbenefika minnu, huwa jrid ikun ghen lill-Pulizija biex tinqabad il-persuna li tkun ghaddietlu d-droga. Din il-prova ghandha tkun dikjarata mill-prosekuzzjoni – haga li ma ghamlitx f’dawn il-proceduri – jew inkella l-imputat jipprova ghas-soddisfazzjon tal-Qorti li l-imputat ghen lill-Pulizija. B’kontradizzjoni bhal din quddiemha, il-Qorti mhux f’pozizzjoni li tghid li l-imputata ippruvat li ghenet lill-Pulizija.”**

L-artikolu 29 tal-Kap 101 jipprovdi testwalment:

**"Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar prigunerija, bi grad wiehed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b’terz jew b’nofs."**

Huwa ovvju li hawnhekk il-ligi qed tipprospetta zewg possibilitajiet: l-ewwel wiehed meta l-prosekuzzjoni stess tiddikjara fil-process illi dik il-persuna li tkun qed titlob l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 29 tkun ghenet lill-pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, u t-tieni kaz, fl-assenza ta’ tali dikjarazzjoni, l-istess persuna misjuba hatja, tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-pulizija. F’kaz il-wiehed jew l-iehor, l-artikolu 29 jipprovdi ghat-tnaqqis tal-piena billi fir-rigward ta’ prigunerija din titnaqqas bi grad wiehed jew tnejn, u fir-rigward ta’ piena pekunjarja b’terz jew b’nofs.

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Sandro Mifsud** tat-2 ta’ Awissu 1999, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk fir-rigward ta’ l-artikolu 29 tal-Kap. 101:

**“Kif din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li tfisser f’sentenzi ohra, biex persuna tibbenefika mir-riduzzjoni ta’ grad jew tnejn fil-piena ta’ prigunerija (u riduzzjoni ta’ terz jew nofs fil-piena pekunjarja) skond l-imsemmi Artikolu 29 mhux bizzejjed li dak li jkun isemmi l-persuna minghand min ikun xtara d-droga; irid jirrizulta li b’dik l-informazzjoni l-akkuzat ikun effettivament ghen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Jekk minkejja dik l-informazzjoni l-pulizija ma jkollhiex provi bizzejjed biex tressaq lill-persuna indikata l-qorti, jew jekk dik il-persuna indikata tkun diga` nqabdet mill-pulizija qabel ma tissemma’ mill-akkuzat, ma jkunx jista’ jinghad li l-akkuzat ikun ghen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Altrimenti facilment jigri li, biex persuna tnaqqas mill-piena taghha, tibda ssemmi ismijiet ta’ nies li jistghu jkunu innocenti, jew l-ismijiet ta’ nies li tkun taf li diga` nqabdu in konnessjoni mal-bejgh ta’ droga lilha.”**

Fil-kaz in ezami, jirrizulta illi fl-istqarrija taghha l-appellanti semmiet persuna li minghandha allegatament xtrat id-droga u sahansitra ddikjarat li kienet lesta li tikkonferma l-istqarrija quddiem il-Magistrat u tixhed kontra l-persuna li

semmiet jekk ikun il-kaz. Mix-xiehda tas-Supretendent Ciappara[3] pero` jirrizulta illi meta giet biex tikkonferma l-istqarrija quddiem il-Magistrat Inkwerenti hija qaltlu (jigifieri lis-Supretendent Ciappara) li l-persuna li semmiet fl-istqarrija ma kinitx involuta u li d-droga kienet gabitha Claire Borg. Mill-atti tal-process verbal jirrizulta fil-fatt illi meta l-appellanti xehdet quddiem il-Magistrat Inkwerenti, ghall-maggor parti tal-mistoqsijiet li sarulha hija ghazlet li ma twegibx. Rinfaccati b'sitwazzjoni bhal din, u cioe` b'dikjarazzjonijiet kontradittorji ta' l-appellanti dwar il-provenjenza tad-droga, il-Pulizija difficilment setghu jghidu li hija kienet "ghenithom" biex "jaqbdu" l-persuna li kienet ipprovdiet id-droga. Apparti hekk, din il-Qorti tosserva illi, kieku riedet, l-appellanti kellha kull opportunita` li taghti d-deposizzjoni taghha quddiem l-ewwel Qorti, haga li ghal ragunijiet maghrufin lilha biss, ghazlet li ma taghmilx. L-appellanti ma tat l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli li tiggustifika dan in-nuqqas taghha – dak li tirreferi ghalih fir-rikors ta' appell taghha bhala "biza' enormi mir-riperkussjonijiet" mhijiex wahedha raguni valida – u wisq anqas, ghalhekk, xi prova sodisfacenti li hija b'xi mod ghenet lill-Pulizija *"biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni"* li pprovdewlha l-medicina.

Konsegwentement anke dan it-tieni lment huwa respint.

It-tielet ilment jirrigwarda l-ammont ta' droga akkwistata. Dak li ma tghidx l-appellanti huwa illi fl-istqarrija taghha stess l-appellanti ssemmi illi meta hi u Claire Borg marru fl-appartament ta' din ta' l-ahhar il-Gzira, l-imsemmija Borg qasmet id-droga f'pakketti zghar u Raymond Borg, li wasal ftit warajhom, ha zewg pakketti minn dawk li kienet qed tipprepara Claire Borg, u hareg 'il barra. Jigifieri l-ammont misjub mill-Pulizija necessarjament kien inqas minn dak originarjament mixtri. Fi kwalunkwe kaz, kienx ftit aktar minn 3.5 grammi u kienx 5 grammi l-ammont li xtrat l-appellanti, il-fatt hu li ma kienx ghall-konsum taghha izda <u>ghal haddiehor</u>. Dan l-ilment huwa ghalhekk ukoll fieragh.

[3] Xiehda tal-15 ta' Lulju 2002 a fol. 93 *et seq.*

Ir-raba' u l-hames ilmenti huma wkoll fiergha. Dik li l-appellanti tinsisti fuqha bhala "l-intelligenza baxxa taghha" ma tirrendihiex inkapaci "di volere" jew "di intendere". Jekk verament Claire Borg kienet *"sick"*, ossia kienet qed issofri minn *"withdrawal symptoms"*, l-appellanti setghet tghinha billi tehodha d-Detox Centre – kulhadd jaf li min ikun ma jiflahx, tabib ifittex. Izda minflok, hija ghazlet li tghinhom jaghmlu dak li huwa illecitu. Fil-fatt fl-istqarrija taghha tghid illi meta tkellmu maghha Claire u Raymond, Raymond qallha *"li hu u Clare ma kinux qeghdin jaqilghu lira, u talabni nsellfu Lm150, sabiex hu u Clare jaqilghu lira."* Jigifieri kienet taf sew ir-raguni li ghalih riedu l-flus u hija accettat li tkun partecipi f'dan il-ksur sfaccat tal-ligi. Anke jekk jigi accettat illi hija ma kinitx sejra taghmel xi gwadann, il-fatt li uzat flusha biex tixtri d-droga ghal Claire Borg u Raymond Borg u tikkonsenjahulhom jikkostitwixxi bla dubju ta' xejn att ta' traffikar – il-gwadann finanzjarju mhuwiex element essenzjali sabiex jissussisti r-reat ta' traffikar, izda naturalment jaghmlu aktar gravuz. Il-fatt imbaghad li dan seta' kien l-ewwel darba li l-appellanti nvolviet ruhha f'reati ta' traffikar ta' droga ma jnaqqas xejn mill-gravita` tal-kaz konsiderat anke l-eta` taghha u l-fatt li kien hemm diversi okkazjonijiet meta kellha skontri mal-gustizzja kif tixhed, almenu *prima facie*, il-fedina penali taghha.

Fl-ahharnett l-appellanti tidher li qed tilmenta minn sensiela ta' cirkostanzi li gabuha f'posizzjoni li ma setghetx taghmel id-difiza li hija xtaqet.

Id-dewmien li jitressqu l-Qorti Claire Borg u Raymond Borg m'ghandu x'jaqsam xejn mal-possibilita` li l-appellanti taghmel id-difiza li tixtieq. Fil-fatt passi ttiehdu u l-appellanti hija wahda mix-xhieda, jekk mhux ukoll ix-xhud principali, fil-proceduri kontra taghhom u dan peress illi fl-istqarrija taghha hija allegat li huma kienu l-mandanti u dan apparti dettalji ohra li tat dwar, per ezempju, kif allegatament tqassmet id-droga minn Claire Borg f'diversi pakketti. Ghalhekk wara illi jigu terminati l-proceduri odjerni kontra l-appellanti, hija tkun tista' tigi prodotta bhala xhud fl-imsemmija proceduri. Fil-proceduri odjerni, kemm Raymond Borg kif ukoll Claire Borg gew prodotti

mill-prosekuzzjoni bhala xhieda u, bhalma kien mistenni, ghazlu li ma jixhdux in vista tal-fatt li kienu ser jittiehdu proceduri kontra taghhom. Naturalment xejn ma kien izomm lill-appellanti milli tipproducihom fl-istadju tad-difiza nonostante illi l-proceduri kontra taghhom kienu ghadhom ma gewx terminati. Dak li ma tistax tippretendi l-appellanti huwa illi, ghax il-proceduri kontra Raymond Borg u Claire Borg baqghu mhux terminati, il-proceduri taghha jibqghu wkoll ma jigux terminati. Il-mod kif tigi kondotta d-difiza huwa interament f'idejn id-difiza u fil-fatt l-appellanti, kif wara kollox kellha kull dritt li taghmel, ghazlet li ma tixhidx. Barra minn hekk id-difiza tellghet ix-xhieda li hija riedet, u senjatament lill-konsulent psikjatra Dr. Joseph Spiteri kif ukoll numru ta' xhieda tal-prosekuzzjoni ghall-kontro-ezami taghhom, u dan minbarra li kellha l-opportunita` taghmel it-trattazzjoni li dehrilha opportun. Kwantu mbaghad ghall-ordni li tat l-ewwel Qorti ghad-distruzzjoni tad-droga, il-fatt li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti giet appellata jfisser li tali ordni ma kellhiex tigi esegwita. Li fil-mori ta' dan l-appell saret tfittxija ghall-esebiti in kwistjoni u ma nstabux, ma huwa ta' ebda rilevanza ghall-finijiet ta' dan l-appell u din il-Qorti sejra taghti l-provvediment opportun fir-rigward.

Kwantu ghall-piena nflitta, fil-kaz in ezami, meta wiehed iqis illi l-piena massima ghar-reat ta' traffikar u ghal dak ta' pussess ta' medicina perikoluza mhux ghall-uzu esklussiv ta' l-akkuzat, hija ta' ghaxar snin prigunerija u multa ta' hamest elef liri Maltin (Lm5,000), il-piena nflitta mill-ewwel Qorti ghandha titqies bhala wahda miti ferm.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt illi tirrevokaha in kwantu ordnat id-distruzzjoni ta' l-esebiti kollha taht il-harsien tar-Registratur tal-Qrati, stante li tali esebiti huma mehtiega fi proceduri kontra terzi, tikkonfermaha fil-kumplament b'dan illi mill-piena ta' prigunerija jitnaqqas kwalunkwe zmien li hija ghamlet taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz u b'dan ukoll li l-perijodu ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri minn erba' gimghat millum. Fl-ahharnett, stante li l-esebiti in

kwistjoni ma nstabux fil-mori ta' l-appell, tordna lir-Registratur biex jaghmel it-tfittxijiet ulterjuri mehtiega sabiex jinstabu l-istess esebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------